# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru 12**

**Citaz. numru: 2038/99 M1 NA**

**Adam Bugeja**

**vs**

**(1) Angela Bugeja**
**(2) B'digriet tas-7 ta' Dicembru 1999 giet nominata Angela Bugeja bhala kuratrici ad litem, kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Ron Bugeja bin l-istess Angela Bugeja**
**(3) Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-23 ta' Settembru 1999 fejn ippremetta:

"Illi nhar il-Hamis, 17 ta' Gunju 1999 twieled tifel bl-isem ta' Ron, liema tifel inghata kunjom l-attur, u cioe' Bugeja;

Illi l-partijiet ma kellhom ebda relazzjoni sesswali bejniethom fit-terminu li trid il-ligi stante illi fl-istess terminu huma kienu (u ghadhom) jinsabu separati *de facto* u di piu' peress illi hemm fatti ohra li jeskludu l-paternita' ta' l-attur;

Illi ghalhekk l-attur ma hux il-missier naturali tat-tarbija Ron;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u ghal dawk li jridu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza:

1. tiddikjara illi t-tarbija bl-isem ta' Ron u li twieled fis-17 ta' Gunju 1999, minn Angela Bugeja xebba Vella, mart l-attur Adam Bugeja, ma hux l-iben ta' l-istess attur Adam Bugeja;

2. Konsegwentement tordna illi dan jigi annotat fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess Ron Bugeja u b'hekk tordna l-korrezzjoni ta' l-istess certifikat sabiex fejn hemm imnizzel "isem u kunjom u l-post tat-twelid tal-missier",

jitnizzel minflok il-partikolaritajiet ta' l-attur hemm imnizzla, il-kliem "mhux maghruf".

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Angela Bugeja tat-13 ta' Ottubru 1999 fejn eccepiet:

1. “Illi dwar il-paternalita' tat-tarbija l-eccipjenti tirrimetti ruha ghall-provi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti m'ghandhiex issofri spejjez stante illi hi ma kellhiex ghazla fl-annotazzjonijiet relattivi ghal missier it-tarbija, liema annotazzjonijiet saru mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

3. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Christopher Cilia w il-Prokuratur Legali Sharon Mizzi bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Ron Bugeja b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tad-29 ta' Ottubru 1999.

Rat ir-rikors tal-konvenuta Angela Bugeja tat-13 ta' Ottubru 1999 biex tinhatar hija bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri liema talba giet milqugha minn din il-Qorti stante n-nuqqas ta' opposizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tat-13 ta' April 2000 fejn eccepixxa:

1. “Illi dwar il-mertu ta' l-azzjoni ta' denegata' paternita' ezercitata fil-kawza odjerna, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar dak kollu dikjarat fid-dikjarazzjoni attrici;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu wkoll jitlob li mill-att tat-twelid numru 2716/99 ghandhom jigu

mhassra l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal-partikolaritajiet ta' l-omm;

3. Illi t-tibdil rikjest fl-att tat-twelid huwa dovut minhabba cirkostanzi ghal kollox estranei ghall-esponent li allura m'ghandux ibati spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Angela Bugeja nomine w id-dikjarazzjoni guramentata taghha fejn tirrepeti kelma b'kelma l-eccezzjonijiet taghha proprju tat-13 ta' Ottubru 1999.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Deborah Huber biex tigbor il-provi.

Fis-seduta quddiemha tas-17 ta' Frar 2001 xehed l-attur. Jghid illi martu l-konvenuta telqet mid-dar konjugali fid-19 ta' Mejju 1998 u qatt ma regghet irritornat. Huwa minn dak iz-

zmien, jekk mhux qabel, qatt ma kellu relazzjonijiet sesswali maghha.  Huwa ma kienx jaf bit-tqala taghha u sar jaf bit-twelid tat-tarbija xi tlett xhur wara l-avveniment.  Fl-istess seduta xehdet il-konvenuta li kkonfermat ix-xhieda ta' l-attur. Tghid illi riedet tirregistra t-tarbija bil-kunjom "Vella" jew "unknown father" pero' l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku kien irrifjuta.  Il-konvenuta regghet xehdet fis-seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tas-26 ta' April 2001 in subizzjoni fejn iddikjarat illi wara li telqet mid-dar matrimonjali marret tghix ma' ommha l-Imgarr u, wara ftit zmien marret tghix wahedha Ta' Xbiex.  L-attur qatt ma mar f'dan il-fond u hija qatt ma marret lura fid-dar konjugali.  Fis-seduta, invece, tat-22 ta' Mejju 2001 il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar u ghalhekk fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2001 il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa jirrizulta f'dak il-grad rikjest mil-ligi illi l-attur ghandu ragunijiet validi li jichad li jgharaf lit-tarbija in kwistjoni sew a bazi tas-sub-inciz (a) sew taht dak (b) ta' l-Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili.  Di piu' hemm id-dikjarazzjoni ta' l-omm, il-konvenuta Angela Bugeja li minkejja li wahedha

mhijiex bizzejjed mehuda ma' provi ohra ghandha zgur ir-rilevanza taghha u dana kif gie ta' spiss ritenut fil-gurisprudenza recenti taghna.

It-tarbija twieldet f'Gunju tal-1999 filwaqt illi l-azzjoni odjerna giet proposta f'Settembru ta' l-istess sena, entro ghalhekk it-terminu stipulat fl-Artikolu 73 tal-Kodici Civili.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici, hlief li fit-tieni talba, ghandu jigi rispettat dak eccepiet mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni eccezzjoni tieghu.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara illi t-tarbija bl-isem ta' Ron u li twieled fis-17 ta' Gunju 1999, minn Angela Bugeja xebba Vella, mart l-attur Adam Bugeja, ma hux l-iben ta' l-istess attur Adam Bugeja;

2. Konsegwentement tordna illi dan jigi annotat fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess Ron Bugeja u b'hekk tordna l-

korrezzjoni ta' l-istess certifikat sabiex fejn hemm imnizzel "isem u kunjom u l-post tat-twelid tal-missier", jitnizzel minflok il-partikolaritajiet ta' l-attur hemm imnizzla, il-kliem "mhux maghruf", kif ukoll li ghandhom jithassru l-kliem "the said" lill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm.

Minkejja dak eccepit mill-konvenuta Angela Bugeja fic-cirkostanzi tal-kaz u fl-istat attwali tal-ligi fil-materja l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu minnha.

Finalment kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif stipulat fil-ligi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.